MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Numru. 146/2004

PULIZIJA
SPETTUR M'STELLA CUTAJAR
VS
LILIANA ZAMMIT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Liliana Zammit, ta' 21 sena, bint Salvu u Mary nee' Vella, imwielda Pieta' nhar l-1 t'April 1982, u residenti Block B3, Flat 1, Triq in-Newi, Zebbug, u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 194882(M), u akkuzata talli nhar id-9 ta' Frar 2004, filghaxija gewwa Haz Zebbug, volontarjament hassret, ghamlet hsara jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin Lira Maltin (Lm50), izda ghal valur ta' inqas minn mitt Lira Maltin (Lm100), meta ghamlet hsara volontarja fuq il-hwejjeg tal-imsemmi Samuel Agius, ghad-dannu tal-persuna msemmija.

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament ikkagunat offiza ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Samuel Agius, hekk kif iccertifika t-tabib Peter Micallef MD.

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebbet kontra Samuel Agius biex tingurjah jew iddejjaq jew taghmel hsara lil din il-persuna.

Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kissret il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ kundanna, tapplika l-provvedimenti li hemm fl-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 8) u tal-imputat (a fol 6) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata tat-30 ta’ Novembru 2006 ghall-ahhar akkuza.

Rat illi l-kwerelant Samuel Agius irrinunzja ghal kull azzjoni kriminali u civili fil-konfront tal-imputata, irtira l-kwerela u hafer lill-imputata u ddikjara li ma kien qed jippretendi xejn minn ghandha.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi l-Qorti rat illi l-kwerelant Agius hafer lill-imputata, irtira l-kwerela u ma kien qed jippretendi xejn mill-imputata.

Illi pero’ mix-xhieda prodotta, zgur li jirrizulta l-ahhar akkuza, u cioe’ dik ta’ ksur ta’ bon ordni b’ghajjat u glied

(ara xhieda ta’ PS 1219 a fol 36-43, u okkorrenza dokument PS).

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddikjara l-procediment ezawrit ghall-ewwel tlett akkuzi, waqt illi ssib lill-imputata hatja tar-raba’ akkuza, u wara li rat l-Artikoli 338(dd) u 7(2)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputata Liliana Zammit ghal canfira u twiddiba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------